MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Numru 618/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**Mark Scerri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mark Scerri** ta’ 26 sena, bin Joseph u Maria Rosaria nee’ Thomas, imwieled Pieta’ nhar l-1 t’April, 1977, residenti f’ ‘Redentur’, ‘First Dawn Court’, Triq il-Qalliet, M’Scala u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 178977(M);

Talli inti akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 t’April, 2003 fiz-Zejtun, matul il-lejl, ikkommetejt serq ta’ diversi ‘top-up vouchers’ tat-telefones cellulari, kif ukoll flus kontanti li l-valur taghhom jecceddi l-valur ta’ Lm100 izda inqas minn Lm1,000 minn gewwa Busuttil Service Station, sitwata fi

Triq il-Barrani, Zejtun, liema serq sar ghad-dannu ta’ Adrian Busuttil, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

Akkuzat ukoll talli f’Birzebbugia, nhar il-25 ta’ Gunju, 2003 wara nofsinhar minn gewwa hanut bl-isem Geroge Kacca u Sajd li huwa sitwat fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia ikkometta serq ta’ flus kontanti, ghad-dannu ta’ Antointe Grech, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz.

Akkuzat ukoll talli f’Birzebbugia nhar id-9 ta’ Lulju, 2003, ghall-habta ta’ 8.30 p.m minn gewwa hanut bl-isem ‘Orienta’, li huwa sitwat fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia ikkometta serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Mariella Scerri, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin.

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, f’hinijiet u lokazzjonijiet differenti fiz-Zejtun u f’Birzebbugia kkagunajt hsara volontarja jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-postijiet hawn fuq imsemmija liema hsara tiskorri l-valur ta’ Lm50 izda inqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

Fl-ahhar nett akkuzat talli kkomettejt delitt fil-perjodu operattiv tal-Probation Orders imposti fuqek mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta.

Rat n-nota ta’ rinviju tal-avukat generali li permezz taghha l-imputat intbaghat quddiem din il-Qorti biex ikun ggudikat fuq l-akkuzi kif raqvvizati fl-artikoli 18, 261 (b)(c)(d), 263 sa 268, 278, 330, 279(b), 280, 325(a), 334, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 u 7 u 23 tal-Kap 446.  Rat ukoll n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-akkuzi l-imputat ingieb quddiem din il-Qorti biex ikun ggudikat dwar tlett serqiet aggravati allegatament minnu kommessi. Il-provi tal-prosekuzzjoni dwar dawn l-akkuzi kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**L-ewwel akkuza**:

Il-prosekuzzjoni esebiet process verbal ta' inkjesta dwar serqa bi sgass minn Busuttil Service Station fiz-Zejtun minn fejn kienu insterqu flus kontanti u telephone top up vouchers. F'din l-inkjesta xehed sid il-pompa tal-petrol li acceda fuq il-post wara li kien daqq l-alarm tal-fond u hemm innota li xi hadd kien sgassa l-bieb u ttiehdu flus kontanti fl-ammont ta' Lm180 u telephone top up vouchers valur ta' Lm300. Ma nstabu ebda impronti digitali fuq il-post u ghalhekk is-Scene of Crime Officers iffotografaw biss ix-xena tad-delitt;

**It-tieni akkuza**.

Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll process verbal dwar serqa bi sgass mill-hanut "George Kacca u Sajd" f'Birzebbugia. Mill-indagini li saru mis-Scene of Crime Officers, instabu impronti digitali u impronti ohra li kienu debitament preservati.

Sid il-hanut xehdet illi dakinhar tas-serqa (fit-3.30pm) kienet talbet lill-binha itella x-xutter tal-hanut u kif kienet gewwa semghet il-bieb jinfetah. Hi hasbet li kien gie lura t-tifel taghha izda meta ittawlet mill-gallerija innotat li l-karozza tieghu ma kienitx fit-triq izda rat persuna hierga mill-hanut, staqsietha jekk kellhiex bzonn xi haga izda dan wiegedb fin-negattiv u baqa' sejjer. Hi hasbet hazin meta innotat illi jekk ried jittawwal fil-hanut taghha ma kellux ghalfejn jipparkja l-vettura tieghu aktar 'l fuq meta seta ipparkja quddiemha u ghalhekk nizlet tara x'kien gara meta rat l-antiporta sgassata u li kienu insterqu xi Lm35 mill-cash register. Sid il-hanut innotat ukoll in-numru tal-vettura li fiha dahlet din il-persuna.

Dan in-numru kien gia familjari mal-Pulizija u ghalhekk l-Ispettur prosekutur kien cempel id-dar tal-imputat biex jara

kienx hemm izda irrizulta fin-negattiv u acceda fejn id-dar tieghu u qaghad jistennieh hemm. Sussegwentement l-Ispettur lemah din il-vettura hekk kif hiereg minn Wied il-Ghajn. Din kienet misjuqa mill-imputat u ghalhekk dan kien arrestat sabiex ikun interoggat;

**Impronti digitali:**

L-impronti misjuba f'dan il-fond kienu komparati minn espert nominat minn din il-Qorti mal-impronti tal-imputat mehuda in awla. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert ikkonkluda illi l-impronti elevati mill-fond jappartjenu lill-imputat.

**<u>It-tielet akkuza:</u>**

Din tirrigwada allegata serqa bi sgass minn hanut f'B'Bugia. Sid il-hanut xehdet illi l-bieb ta' barra kien illevat u mill-hanut insterqu zewg liri maltin (LM2) mill-cash register. Is-Surgent 902 mis-CID xehed illi waqt li kien qed jinvestiga din is-serqa ircieva informazzjoni li min kien dahal fil-hanut kien qed jaghmel uzu minn vettura bin-numru MGP-100

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi kollha mressqa fl-ewwel u t-tielet akkuza ma jirrizulta assolutament xejn li jorbot lill-imputat ma' dawn is-serqiet. Kwantu it-tielet serqa, l-fatt illi xi hadd ta informazzjoni lill-pulizija illi minn wettaq is-serqa kien qed jaghmel uzu minn vettura li irrizulta li tappartjeni lill-imputat, wahidha mhix sufficjenti jekk dik l-informazzjoni ma tkun korroborata b'xi indizju misjub fuq ix-xena tad-delitt jew f'post iehor li jorbot it-tnejn flimkien. Dan ma jistax jinghad, izda, dwar it-tieni akkuza fejn il-vittma rat persuna hierga mill-hanut taghha u innotatu diehel fil-vettura tieghu. Meta l-pulizija indunat li din il-vettura tappartjeni lill-imputat bdiet tindagah bhalma ghamlet fil-kazijiet l-ohra izda irrizulta illi fuq ix-xena tad-delitt instabu impronti digitali li huma tal-imputat. Ghalkemm il-vittma m'gharfitx lill-imputat ghaliex ratu mill-gallarija, l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova illi minn kien responsabbli ghas-serqa halla l-impronti digitali tieghu

hemm li walsu biex ikun skopert. Ghalhekk it-tieni akkuza tirrizulta pruvata.

**<u>Ir-raba akkuza:</u>**

L-imputat huwa akkuzat ukoll ikkometta delitt fil-perjodu operattiv ta' probation orders imposti fuqu mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta. In sostenn tal-akkuza l-prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija fit-18 ta' Lulju 2002 fil-konfront tal-imputat fejn kien tqieghed taht il-harsien ta' probation officer ghall-perjodu ta' tlett snin minn dik id-data. It-tieni serqa addebitata lill-imputat u li din il-Qorti ikkonkludiet illi saret mill-imputat, sehhet fil-25 ta' Gunju 2003 u ghalhekk il-prosekuzzjoni ippruvat ir-raba akkuza fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi oltre l-akkuzi kif riportati a fol wiehed tal-process, fin-nota ta' rinviju tieghu l-avukat generali inkluda ukoll ksur tal-artikolu 334 u cioe dak ta' ricettazzjoni izda minkejja dan, ma hemm ll-ebda prova dwar dan fl-inkartament

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tieni u r-raba akkuza. Ma ssibux hati tal-ewwel u t-tielet akkuza kif ukoll tal-artikolu 334 u qed tilliberah minnhom;

Rat l-artikoli 18, 261 (b)(c)(d), 263 sa 268, 278, 330, 279(b), 280, 325(a), 334, 31, 20, 23 u tal-Kap 9 u 7 u 23 tal-Kap 446;

Rat ix-xhieda tal-Kap tad-Drug Rehabilitation Centre tas-Sedqa li qal li minn Gunju 2004 l-imputat ikkonkluda b'success programm residenzjali u li llum ghandu xoghol u ghadu jzomm kuntatt regolari mac-Centru;

Ikkunsidrat illi din l-izvolta fil-hajja tal-imputat sehhet wara s-serqa minnu kommessa f'Gunju 2003 u l-Qorti ghandha tiehu dan in konsidrazzjoni. Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed tega tqieghed lill-imputat taht il-harsien ta' probation officer ghal-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u tordna li kopja taghha tintbaghat lid-direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------